MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2003

Appell Civili Numru. 1157/2002/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited bhala agent u mandatarja tas-socjeta` estera CGU Insurance plc ta' Perth, Scotland u din kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Joseph Cavallo skond il-Ligi u l-polza ta' assigurazzjoni**

**vs**

**Korporazzjoni Enemalta**

**Il-Qorti,**

Fit-18 ta' Ottubru, 2002 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Mejju, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u sebgha u hamsin lira

Maltija (Lm257.00), rapprezentanti danni li saru fil-proprjeta` ta' l-assigurat ta' l-attur f'Plot 5 N/S off Farfett il-Flagell Street, St. Peter's Area, minhabba "surge" ta' l-elettriku li sehh fid-19 ta' Mejju 2001, f'103 Paola Square, Paola, li ghalihom huwa gie kompensat mill-attur a bazi ta' polza ta' assigurazzjoni, liema hsarat huma imputabbli ghall-konvenut u kwantu ghall-wiehed u ghoxrin lira Maltija (Lm21.00) rapprezentanti spejjez u drittijiet ta' ittra ufficjali tat-8 t'April, 2002;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-interessi mit-8 t'April, 2002 kontra l-konvenut, liema konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni konvenuta prezentata fit-23 ta' Mejju, 2002, fejn intqal illi s-socjeta` konvenuta m'ghandha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici rigwardanti l-pretensjonijiet taghha mertu tal-prezenti.

Semgha x-xhieda ta' Alberto Bisazza ghas-socjeta` attrici. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:

1. Illi s-socjeta` attrici qed titlob l-ammont ta' mitejn u sebgha u hamsin lira Maltija (Lm257.00) bhala danni li bghata l-assigurat taghhom Joseph Cavallo.

2. Id-Dok.C esebit huwa prova li s-socjeta` attrici giet surrogata fid-drittijiet tal-klijent taghhom. Ghalhekk mhix sostenibbli l-eccezzjoni sollevata mill-Korporazzjoni konvenuta li m'hemm ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici.

3. Il-Korporazzjoni konvenuta esebiet estratt mill-Att ta' l-Enemalta, Kap.272, u jghid li:

"Enemalta ma tkun responsabbli ghal ebda hsara lil persuna jew proprjeta` jew ghal xi twaqqif fil-provvista ta' l-energija li jkunu graw minhabba incident li ma setax jigi evitat, tqabir u kedd bl-uzu xieraq jew taghbija zejda

minhabba konnessjoni ta' apparat mhux awtorizzat, jew minhabba l-htigijiet ragonevoli tas-sistema elettrika, jew minhabba xi difetti f'xi stallazzjoni elettrika mhux provduta mill-Korporazzjoni."

4. It-Tribunal jinnota li filwaqt li f'ebda waqt ma gie kontestat li d-danni effettivament saru minhabba "surge" li kien hemm fis-sistema ta' l-elettriku, dana lanqas ma gie pruvat. Min jallega irid jipprova, u ghalkemm ingiebu provi dwar id-danni subiti, ma ingiebitx il-prova dwar x'kien li kkawza dawn id-danni, u jekk effettivament dawn id-danni grawx minhabba il-Korporazzjoni konvenuta, jew minhabba xi incident li ghalih setghet tkun tenuta responsabbli l-istess Korporazzjoni.

Ghaldaqstant filwaqt li qed tigi michuda l-eccezzjoni sollevata mill-Korporazzjoni konvenuta dwar li ma hemm ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici, peress illi t-talba attrici ma tirrizultax pruvata, it-Tribunal qed jichad it-talba attrici.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` attrici skond il-Ligi."

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta` attrici bl-aggravji f'dawn it-termini:-

(a) It-Tribunal ma akkordaliex smiegh xieraq;
(b) Inoltre, huwa ddecieda l-kaz "ultra petita".

Hi tissottometti illi l-Gudikatur iddecieda l-kawza ghab-bazi tal-punt tar-responsabilita` li qatt ma gie kontestat mill-korporazzjoni konvenuta. Tissottometti wkoll illi l-mod kif giet deciza l-kawza kellha natura ta' sorpriza stante li in vista tal-eccezzjoni sollevata hi ma gietx invitata li ggib provi fuq il-punt tar-responsabilita`. Fil-fehma tas-socjeta` appellanti dan jinduci ghall-invokazzjoni minnha tan-nuqqas ta' "audi alteram partem".

Kif jemergi mill-atti processwali l-iter tal-kawza quddiem it-Tribunal adit segwa dan il-perkors:-

(i) Is-socjeta` attrici pproduciet lil Albert Bisazza (seduta 18 ta' Gunju 2002) li esebixxa numru ta' dokumenti in dimostrazzjoni tal-prova tas-surroga taghha fid-drittijiet tal-assikurat Joseph Cavallo li sofra d-dannu f'numru ta' apparat elettroniku. Is-socjeta` attrici, f'din l-istess seduta, ddikjarat li ma kellhiex aktar provi;
(ii) B'Nota ntavolata fit-22 ta' Lulju 2002 il-korporazzjoni konvenuta esebiet estratt tad-disposizzjoni tal-ligi li kienet tezimiha mir-responsabilita`.
(iii) Fl-udjenza tal-4 ta' Ottubru 2002 l-avukat difensur tas-socjeta` appellanti illimitat ruhha biex tikkontesta l-ammissibilita` tad-dokument hekk esebit. Il-kawza, mbaghad, giet differita ghad-decizjoni.

Jigi notat mill-ewwel illi s-socjeta` appellanti fl-ebda mument ma ressqet prova in materja tal-kwestjoni tar-responsabilita`. Dan lanqas ma ghamlitu, jew talbiet li taghmlu, wara l-prezentata tad-dokument fuq imsemmi mill-korporazzjoni konvenuta. Kif fuq inghad, illimitat ruhha biex tikkontesta l-ammissibilita` tad-dokument meta allura kien hekk evidenti anke ghaliha illi l-korporazzjoni konvenuta kienet qed tikkontesta l-addebitu tal-htija fil-konfront taghha.

Saru frekwenti l-appelli fejn parti sokkombenti f'gudizzju tillanja mill-fatt illi ma gietx koncessa d-dritt tas-smiegh xieraq. U kull darba l-Qorti jkollha tfakkar fil-monitu dettat fis-sentenza a **Vol XXXIX pI p395** illi biex tirnexxi f'aggravju bhal dan il-parti aggravata kien jehtiegilha tiddimostra illi l-vjolazzjoni tal-principju ma sarx bi htija taghha, in kwantu nkella jinghata aditu lill-principju l-iehor "qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire".

Fl-opinjoni ta' din il-Qorti s-socjeta` appellanti ma rnexxilhiex tikkonvinci illi n-nuqqas biex issostni l-premessa tat-talba taghha kienet xi htija tat-Tribunal. Zgur li ma kienx mistenni li t-Tribunal jaghmel din il-prova hu minflokha jew li ma jiddecidiex il-kawza hlief wara l-invit tieghu biex is-socjeta` appellanti tressaq provi fir-rigward. Kien certament jispetta lilha kif kellha tirregola l-

provi taghha u li tiehu hsieb titlob lit-Tribunal jaghtiha l-opportunita` iggib provi idonei fir-rigward tal-punt tar-responsabilita`.

Din il-Qorti, imbaghad, lanqas ma taqbel illi l-fax tat-22 ta' Awissu 2001 li fuqha s-socjeta` appellanti ibbazat l-assunt primarju taghha ta' xi responsabilita` ammessa, kellha tinqara jew interpretata f'dan is-sens. Apparti l-fatt li din l-istess fax qatt ma ngiebet ghall-attenzjoni tat-Tribunal, in kwantu giet esebita biss flimkien mar-rikors tal-appell, il-fatt li wiehed isaqsi ghad-dokumenti rilevanti biex dawn jigu verifikati ma jistax jigi ekwiparat ghall-ammissjoni pretiza.

Fil-verita` s-sentenza appellata illimitat ruhha biex tikkostata l-fatt illi s-socjeta` appellata naqset li tipprova l-allegazzjoni taghha. B'daqshekk ma jistax la logikament u lanqas guridikament jigi dedott illi t-Tribunal mar 'ultra petita'. Huwa indiskutibbli illi preordinatament ghall-esigenzi tal-gudizzju kull karattru processwali ta' kawza jesigi li min jallega jrid jipprova l-fatti principali jew sekondarji. Hekk tiddetta wara kollox norma importanti tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, ex-Artikolu 562.

Din in-norma ssib il-fondament taghha fir-regola tradizzjonali "onus probandi incumbit ei qui dicit". Regola din li timponi fuq il-parti d-dover li jaghti prova tal-ezistenza tal-fatt allegat. Tabilhaqq, l-istess kwalifikazzjoni tal-oggett probatorju bhala "onus" fir-regola ndikata igib mieghu illi n-nuqqas tal-prova jittraduci ruhu fi zvantagg ghall-parti li fuqha hu mixhut dan l-oneru. Li jfisser, imbaghad, illi ghall-gudikant l-unika konsiderazzjoni li jista' japplika fil-gudizzju tieghu hu dak li l-fatti allegati ma jikkorrispondux ghal veru: "non esse et non probari paria sunt".

F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti jidhrilha illi fil-kaz partikolari l-aggravji sollevati mis-socjeta` appellanti ma jistghax ikollhom ezitu favorevoli.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi jibqghu a kariku tas-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------